# *Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

## Minuti

## Disa' Legislatura

### *Laqgħa numru 54*

***5.30p.m  20 ta' Diċembru 2022***

### *Preżenti*

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier

### *Assenti b'Apoloġija*

Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sinjura Charmaine Aquilina - Kunsillier

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

### *54.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

54.1.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsillier is-Sur Francis Debono u l-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina talbu li jiġu skużati minħabba raġunijiet personali.

## *54.2 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

54.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 52 u numru 53. Huwa żied jgħid li l-Kunsillier is-Sur Colin Pace kellu żewġ emendi zgħar fuq kummenti li huwa qal f'numru 52.4.3 u 53.1.2 li ser ikunu aċċettati rispetivament. Wara li ħadd mill-membri ma kellu emendi oħra fuq il-minuti msemmija, l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri issekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *54.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

54.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li għada l-Erbgħa 21 ta' Diċembru fit-3.30 ta' wara nofsinhar ser ikun hemm il-preżentazzjoni tar-rigali Rigal b'Imħabba quddiem Kastilja ma mart il-Prim Ministru Dr Lydia Abela, fejn kulħadd huwa mistieden jattendi.

54.3.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li għada ukoll fis-6.00 ta' wara nofsinhar ser ikun hemm laqgħa mall-istakeholdes tal-korsa taż-żwiemel dan hekk kif il-Kunsill għandhu bżonn jinforma lil dawk ikkonċernati li mill-ewwel jum tas-sena d-dieħla l-WasteServ mhux ser tkun qed taċċetta d-demel li jinġabar miż-żona tal-korsa. Fost dawk li huma infurmati biex jattendu huma EquestriMalta, HOADA li huma l-union ta' dawn li għandhom iż-żwiemel, il-Kavallerija tal-Pulizija u l-Ministeru tal-Onorevoli Clifton Grima. Wara diskussjoni fost dawk preżenti s-Sindku qal li l-laqgħa ser issir biex wieħed jara jekk hemmx rieda tajba fost dawn l-istakeholders li jissolvew il-problemi. Jekk dan ma jkunx il-kaz l-Kunsill ser ikun l-ewwel u qabel kollox iħares l-interessi tar-residenti. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer irrimarka li għall-laqgħa huwa importanti li jkun hemm l-avukat tal-Kunsill u tas-sanita' jkunu nfurmati.

54.3.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma lil dawk preżenti li mill-1 ta' Jannar ser tibda l-iskeda l-ġdida tal-iskart u b'hekk il-Kunsill ser ikun qed ibiddel it-tabelli fit-toroq kif ukoll ser ikunu qed jitqassmu flyers mar-residenti. Is-Sindku rrefera għall-email li bgħatu r-Reġjun fejn qed jitolbu biex meta tasal invoice għall-ħlas ma jkunx hemm għalfejn jistennew laqgħa tal-Kunsill għall-approvazzjoni. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer staqsa jekk hix ħaġa legali din il-ħaġa u hemm bżonn li kull pagament jgħaddi mill-approvazzjoni tal-Kunsill, speċjalment fuq xi ħaġa daqshekk sensittiva. Is-Sindku qal li l-Kunsill ser ikun qed jistaqsi d-Dipartiment dwar dan.

54.3.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li din is-sena huwa kommess biex isir il-kalendarju tal-Marsa għas-sena 2023, hekk kif ħafna mill-materjal huwa lest bħal fotografija u li jifdal huwa l-materjal ipprintjat.

## *54.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

54.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li jinsab iddispjaċut li persuna fuq il-midja soċjali facebook kiteb ħafna akkużi fejn fost affarijiet oħra qal li hemm Kunsillier li qallu li waqt il-laqgħat tal-Kunsill huwa jagħmel li jrid u li l-attivitajiet tal-Kunsill isiru kif irid hu. Il-Kunsillier talab lis-Sindku s-Sur Josef Azzopardi sabiex huwa jitlob lill-Kunsilliera preżenti biex jiċħdu dan id-diskors fil-konfront tiegħu. Apparti hekk il-Kunsillier Spencer qal li l-persuna kkonċernata min naħa tal-Marsa Football Club qal li l-fondi tal-Belt Kulturali qatt ma ntużaw għall-Marsa FC. Is-Sindku spjega li l-affarijiet kollha li jsiru mill-Kunsill jiġu approvati mill-Kunsill u l-fondi tal-Belt Kulturali kienu fondi għall-kultura. Fid-dawl ta' dan is-Sindku jaqbel li ssir laqgħa mall-membri tal-Marsa FC u jadħmu flimkien bil-proposti li jresqulna. Apparti kollox is-Sindku jikkundanna bla riservi kull allegazzjoni li ma tkunx sostanzjata li jsir kontra membru tal-Kunsill.

## *54.5 Kunsiderazjoni* u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

54.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta' spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 12/2022 annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti oħra dwar il-kontijiet l-oħra mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ssekonda u l-vot favur kien unanimu.

.

### *54.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

54.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Għaqda Storika Kulturali tal-Marsa qed jitolbu li l-istatwa tal-Immakulata Kunċizzjoni li hemm mall-faċċata tal-Kappella ta' Ċejlu tiġi rrestawrata u titpoġġa fuq pedestal tal-ġebel li hemm fil-kantuniera ftit passi l-bogħod mill-Knisja. Is-Sindku spjega li din l-istatwa hija waħda ferm antika u jixirqila li jsir ir-restawr tagħha. Huwa talab lill-dawk preżenti sabiex jiġu bl-idejat għall-post l-aktar addattat fejn din il-quddiem tista' titqiegħed. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

54.6.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li Rev Dr Martin Micallef irringrazzja lill-Kunsill tal-għajnuna li ngħatat waqt it-tnehdija tal-ktieb ta' Patri Donat Spiteri.

## *54.7 Updates dwar attivitajiet Belt Kulturali/Milied 2022;*

54.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal mill-attivitajiet li hemm sall-aħħar tas-sena 2022 hemm il-Party għat-Tfal li ser isir fit-28 ta' Diċembru fil-bini Kunsill Lokali, fejn ser ikun hemm ikel, attivitajiet u rigali skont l-etajiet tat-tfal. Wara din l-attivita' ser ikun hemm it-train rides.

## *54.8 Update – Jum il-Marsa;*

54.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma lil dawk preżenti li dwar l-attivita' ta' Jum il-Marsa il-quddiesa tista' ssir għall-Ħadd 15 ta' Jannar hekk kif dan huwa l-eqreb Ħadd ma Jum il-Marsa propja fis-17 ta' Jannar. Is-Sindku spjega li filwaqt li x-xewqa tiegħu hija li ssir ir-reanactment tal-bandu ta' meta l-Marsa nxtrat bħala fewdu mill-Granmastru Jean De La Cassiere s'issa m'għandhu xejn ikkonfermat. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *54.9 Performance Bonuses tal-Impjegati;*

54.9.1 **Is-**Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex l-impjegati tal-Kunsill is-Sinjura Claire Grech, is-Sinjura Leann Xuereb, is-Sinjura Dillian Adami u s-Sinjorina Ilaria Aquilina jingħataw il-massimu ta' 6% tal-performance bonus. Wara li ħadd min dawk ma kellu oġġezzjoni l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *54.10 Kwistjonijiet mall-WasteServ;*

54.10.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li wara li ngħataw l-ittra mill-avukat il-Kunsill ma rċieva xejn mill-kumpanija WasteServ, sempliċiment irċevjna email mis-Sur Tabone, li l-iskadenza ta' meta ser jibqa jiġi aċċettat id-demel huwa sall-31 ta' Diċembru. Fis-seduti u l-laqgħat li ġejjin l-Kunsill ser ikun irid jara liema direzzjoni ser ikollu jieħu f'dan ir-rigward.

## *54.11 Riżultati Finanzjarji Q3 2022;*

54.11.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lis-Segretarju Eżekuttiv jagħti d-dettalji tal-andament finanzjarju tal-Kunsill għat-tielet kwart tas-sena finanzjarja li b'hekk ikunu qed jiġu nklużi kollettivament il-figuri min Jannar sa l-aħħar jum ta' Settembru. Matul dan il-perjodu rajna li kien hemm defiċit marġinali ta' madwar €25,000, madankollu wieħed irid jinnota li fejn is-soltu t-tranche tal-fondi tal-Gvern Ċentrali jidħlu lejn l-aħħar ta' dan ix-xahar, dawn il-flus daħlu fit-3 t'Ottubru u tlett ijiem wara, jġifieri fis-6 t'Ottubru daħlu madwar €70,000 fondi tal-proġett ta' Belveder. B'hekk it-tama hija li l-figuri annwali tas-sena ser ikunu bbilanċ pożittiv. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *54.12 Modification Request – Proġett Day Care Centre;*

54.12.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lis-Segretarju Eżekuttiv jagħti d-dettalji tal-modification request li l-Kunsill huwa mitlub jagħmel. Is-Segretarju spjega li hemm dettalji amministrattivi dwar kif il-Kunsill kien qassam il-fondi fl-istadju tal-applikazzjoni, madankollu jidher biċ-ċar li peress li l-Kunsill ħareġ tender sħiħ, l-maġġoranza tal-fondi huwa fuq supplies. B'hekk permezz ta' din il-modification request qegħdin nuru biċ-ċar mall-bord tal-fondi Norveġiżi li dawn il-fondi ser jkunu qed jintefqu primarjament fuq xiri t' affarijiet bħal sufanijiet, kċina, mwejjed u oħrajn. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu aktar mistqosijiet il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *54.13 Idejat dwar l-Użu tat-Tram Station;*

54.13.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lil dawk preżenti sabiex jaqsmu l-idejat tagħhom dwar x'tip ta' użu jixtiequ jaraw fit-tram station. Kien hemm diskussjoni fost dawk preżenti fejn kien hemm qbil unanimu li l-post għandhu jiġi rrestawrat u jintuża bħala *multi purpose hall.* Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace spjega li jekk dan il-post jiġi rriġenerat huwa jemmen li din tkun trigger biex iż-żona tal-madwar tiġi wkoll rriġenerata. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li l-Kunsill għandhu jagħmel kuntatt mall-Ministeru tat-Turiżmu biex jara jekk din iż-żona hix ser tkun fuq il-mappa turistika mill-Belt Valletta sall-Marsa. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *54.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

54.1.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7.30pm u ġiet aġġornata għas-17 ta' Jannar fil-5.30pm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Josef Azzopardi<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |